**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Trevor Micallef]**

**vs**

**Melvin Carmel Micallef**

**Kumpilazzjoni Numru: 1015/12**

**Illum, 25 ta’ Jannar, 2015**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Melvin Carmel Micallef detentur tal-karta tal-identita` numru 167391(M).

Akkuzat talli:

> F’dawn il-gzejjer fit-13 ta’ Ottubru 2011 ghal habta tal-ghaxra u kwart ta’ filghaxija (10:15pm) f’San Gwann u/jew fil-vicinanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkaguna ferita ta’ natura gravi fil-gisem ta’ Jessica Turner li hi persuna li hi msemmija taht l-Artikolu 22 (1)(a), 202(h)(iv) tal-Kap 9.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-Ligi, jekk jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta` ta’ Jessica Turner jew sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena

applikabbli ghar-reat, torbot lil hati b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht pernali ta' flus li tigi iffisata mill-Qorti.

Rat in-nota ta' rinviju tal-Avukat Generali datati hdax (11) ta' Lulju elfejn u tlettax (2013) li bih ta l-kunsens tieghu sabiex dawn il-proceduri jinstemghu minn din il-Qorti bi procedura sommarja u fejn intalab li tinstab htija taht l-Artikoli tal-ligi s-segwenti:-

- Fl-artikoli 214, 215, 216 u 222(1)(a)tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-verbal ta' din il-Qorti datat sbatax (17) ta' Marzu elfejn u erbatax (2014) fejn l-imputat Melvin Carmel Micallef ta' l-kunsens tieghu sabiex il-kawza odjerna tigi trattata minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi prodotti u t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat illi din il-kawza tittratta fuq allegat griehi gravi fuq wicc il-parte civile Jessica Turner nhar it-tlettax (13) ta' Ottubru elfejn u hdax (2011) fejn din

irrapurtat illi l-ex gharus taghha, u cioe' l-imputat, kien ta' daqqa ta' ponn wara argument li kellha mieghu fid-dar ta' ommha.

Semghet ix-xhieda tal-parte civile **Jessica Turner** fejn hija spjegat bil-gurament kif dak in-nhar tal-allegat reat kienet id-dar ta' ommha u kien gie l-akkuzat flimkien mat-tifel taghhom u bdew argument fuq ir-relazzjoni taghhom. Hija tghid illi peress li kienet giet ommha issikkithom, ddecidew illi l-akkuzat jitlaq u appena kien hiereg barra l-bieb, il-parte civile qaltlu l-kliem *"issa naraw bil-Qorti meta tarah it-tifel,. . . tersaqx iktar l-hawn".* Hi tghid illi appena qalet dawk il-kliem u kienet ser taghlaq il-bieb, l-akkuzat qabat il-bieb u fajjrilha daqqa ta' ponn go mnieherha.

Ix-xhud ipprezentat sett ta' ritratti li juru il-griehi taghha fuq imnieherha (Dok. JT1 u JT2) u sett ta' ritratti ohra li juri l-akkuzat li jiehu sehem f'*boxing matches* (Dok. JT 3 u JT4). Hija wkoll ikkonfermat ic-certifikat mediku esebit a fol sbatax (17) tal-process.

Semghet ix-xhieda ta' omm il-parte civile u cioe' **Mary Turner** fejn din tiftakar li dak innhar hija marret issikket lil bintha u lil Melvin peress li kienu qeghdin jghollu lehinhom u peress li kien hemm ir-ragel taghha ma jiflahx u kien rieqed. Hija tghid ukoll li rat lill-akkuzat hiereg il-barra u appena dahlet fil-kamra taghha, hija semghet lit-tifla taghha Jessica tghajjat li Melvin kien ta' daqqa ta' ponn u kien hemmhekk hi ratha fi kliemha mimlija minn rasha sa saqajha bid-demm.

Finalment xehed l-akkuzat **Melvin Carmel Micallef** illi bil-gurament huwa spjega r-relazzjoni li kellu mal-parte civile. Huwa jghid illi dakinnhar tal-allegat reat huwa mar jiehu t-tifel taghhom bhas-soltu u fejn il-parte civile kienet qaltlu sabiex jidhol u jitkellmu. Huwa jghid illi hija riedet titkellem fuq il-fatt ghaliex ma riex jibqa’ aktar maghha u meta hu qallha li ma setghux ghaliex ma kienux jaqblu, hija minnufih bdiet tghajjru u theddu bit-tifel u li kienet ser taghmillu hajjtu mizerja.

Huwa jghid illi kif appena beda hiereg il-barra mil-kamra tal-parte civile, hija baqghet gejja warajh u kif wasal mal-bieb ta’ barra, hija gibditu mill-flokk u besqitlu u hu gholla idu sabiex jilqa’ l-bieb u l-bieb inghalaq ghaliex hi nbuttatu.

L-akkuzat innega’ b’mod kategoriku illi huwa kien ta’ daqqa ta’ponn jew li hu kien vjolenti maghha fil-passat. Ix-xhud ipprezenta dokument MM1 fejn bazikament il-parte civile irrinunzjat ghall-azzjoni odjerna fil-konfront tal-imputat u dan permezz ta’ skrittura privata datata sitta (6) ta’ Dicembru elfejn u hdax (2011).

Illi dak li hareg mix-xhieda prodotti illi dak in-nhar tal-allegat reat kienet sehhet kollutazzjoni verbali bejn l-akkuzat u l-parte civile Jessica Turner a rigward ir-relazzjoni taghhom, li ma kienitx wahda felici, u li sfortunatament daret sabiex il-parte civile bdiet thedded lill-akkuzat bit-tifel taghhom.

Illi hareg ukoll il-livell ta' provokazzjoni illi bdiet tinfliggi l-istess parte civile versu l-akkuzat tant li certament, meta kien hiereg il-barra mill-bieb u din il-kollutazzjoni spiccat b'besqa minn naha tal-parte civile, dan certament ta' uman li hu ta' imbotta il-bieb b'dahha lejn il-parte civile bil-konsegwenza li dan habat ma' imnieherha. Illi din il-Qorti ghalhekk temmen il-verzjoni tal-imputat dwar il-verzjoni tal-fatti izda dak li ma hijiex konvinta hi illi huwa fetah il-bieb ghax kien irrabjat sforz kemm kien ilu jisma' u ghalhekk dan hu bizzejjed sabiex anke b'mod minimu kien hemm certa *mens rea* sabiex hu jwegga' lill-parte civile.

Izda ta' min jghid ukoll illi dak li ntqal hawn fuq u cioe' li kien hemm certu ammont ta' provokazzjoni minn naha tal-parte civile u li l-istess parte civile kienet irrinunzjat ghal dak li hu rinunzjabbli stante li dawn huma proceduri *ex ufficio*, certament ghandu jigi rifless permezz ta' mitigazzjoni fil-piena.

Illi ghal dawn ir-raguni u filwaqt li rat l-Artikoli 214, 215, 216 u 222(1)(a), 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-akkuzat **Melvin Carmel Micallef** hati tal-akkuza kif dedotta kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn (2) millum.

________________________________________

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**